**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 209/98**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Martin Sammut)**

**vs**

**Jesmond Decelis ta' 35 sena, iben**
**Victor u Tereza nee Camilleri,**
**mwieled Pieta' fil-21 ta' Awissu, 1963**
**u li joqghod 4A, Kingsland Apts, Triq**
**Barnaba, Bugibba, detentur tal-karta**
**ta' l-identita' bin-numru 453763 (M).**

**Illum 28 ta' Novembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jesmond Decelis li gie akkuzat talli fil-15 ta' Marzu, 1998 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'

hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn Lm 1000 ghad-dannut ta' Vincent Cuschieri Ltd., Agostino Azzopardi and Sons Ltd., Zammit Trading Ltd. u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli, 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarji (a fol 6).

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghall-imsemmija proceduri u li wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Tabone, accountant tal-Kumpanija Agostino Azzopardi & Sons Ltd. Dan xehed li Jesmond Decelis kien hallas lis-socjeta' msemmija b'zewg cheques post dated. L-ewwel cheque kien ibbounsja dan kien ghal ammont ta' Lm 1589 (Dok JT). Tkellem anke fuq it-tieni cheque ghal ammont ta' Lm 1634 (Dok JT1) li wkoll ma kienx gie msarraf. Dawn iz-zewg cheques kienu gew referred it-tnejn to drawer. Dawn iz-zewg cheques it-tnejn kienu mahruga mill-Unifoods Ltd. u ffirmati minn Jesmond Decelis. Dan ix-xhud qal ukoll li nonostante li l-ewwel cheque ma kienx issarraf, il-kumpanija Agostino Azzopardi xorta baqghet tissuplixxi lil Jesmond Decelis bil-merkanzija u dan ghaliex il-bank kien dam biex jinforma lis-socjeta' msemmija bil-fatt li c-cheque ma kienx issarraf. Qal dan ix-xhud li nel frattemp li huma kienu gew avzati mill-bank li l-ewwel cheque ma kienx issarraf, Jesmond Decelis kien irceva merkanzija izjed minghandhom, kien hareg it-tieni cheque (Dok JT1) li rega bbounsja wkoll.

Xehed ukoll Godwin Aquilina, clerk mal-Bank of Valletta Ltd., branch ta' San Pawl, esebixxa l-istatements tal-Unifoods Ltd, cioe t-transazzjonijiet li l-kumpanija ghamlet ma' l-istess bank. Dwar ic-cheques Dok JT u JT1 ghal ammont ta' Lm 1589.10 u Lm 1634 rispettivament, pagabbli lil Agostino Azzopardi Ltd. xehed li dawn gew lura bir-rimarki "referred to drawer". Qal li dan "… ifisser li ma kienx hemm funds bizzejjed biex jigi onorat l-istess cheque." (a fol 30). Mistoqsi mill-Avukat Difensur jekk ir-rimarka "referred to drawer" tintuzax ukoll mill-bank jekk fuq l-istess cheque ikun hemm sekwestru, dan ix-xhud "… li ma nistax neskludi dan il-fatt." Xehed ukoll Aquilina fuq mistoqsija ta' l-Avukat Difensur, jekk jistax ikun li Jesmond Decelis kellux xi arrangament mal-bank dwar l-unpaid cheques, qal li hu ma kienx jaf b'tali arrangament.

Xehed ukoll John Cuschieri managing director ta' Vincent Cuschieri Ltd. Esebixxa statements mahrugin mill-kumpanija dwar bejgh li sar lil Jesmond Decelis in rapprezentanza ta' Unifood Ltd. Esebixxa cheque Dok JC 1 iffirmat minn Jesmond Decelis datat 6 ta' Settembru, 1997. Esebixxa wkoll cheque iehor datat JC 2 datat 14 ta' Ottubru, 1997 ukoll mahrug minn Jesmond Decelis. Esebixxa wkoll Dok JC 3 cheque datat 28 ta' Ottubru, 1997. Esebixxa wkoll sensiela ta' cheques ohra sa Dok JC 12. Qal li minnhom gew depozitati Dok JC 1, JC2, JC4, JC5, JC6 u JC7. Spjega li c-cheques l-ohrajn ma gewx depozitati peress li dawk depozitati kienu qed jintbaghtu lura. Dwar l-ewwel cheque xehed li meta kien ipprova jiddepozitah, kienu baghtu ghalih il-branch ta' San Pawl u kienu nformawh li ma kienx hemm flus bizzejjed fil-kont biex jigi onorat l-istess cheque.

In kontroezami xehed li l-ewwel cheque li ma ssarrafx kien dak datat 6.9.97. Nonostante dan xorta baqghu jikkonsenjaw merkanzija lil Decelis. Spjega dan billi qal li hija policy tal-kumpanija taghhom li jekk ikollhom jiehdu xi flus minghand klijent ma jqattghux milli jfornuh bil-merkanzija minhabba l-biza li ma jithallsu qatt. Qal ukoll li jaccetta postdated cheque ghax il-kumpanija thoss li m'ghandhiex ghazla ohra x'taghmel. Dwar l-elf lira zejda mhallsa lis-socjeta' mill-akkuzat dan ix-xhud qal li ma kienx f'pozizzjoni jixhed liema bilanc kien qed jissalda l-imputat, jekk hux wiehed precedenti ghac-cheques mhux imsarrfa jew dak li jirrizulta mill-istess cheques.

Xehed ukoll George Zammit in rappresentanza ta' Zammit Trading Ltd. , dan esebixxa zewg cheques Dok GZ u GZ1 ghal ammont ta' Lm 249.97 u Lm 371.03 rispettivament mahruga minn Unifoods Ltd. Dawn iz-zewg cheques it-tnejn gew "referred to drawer". Qal li minhabba f'hekk u ghax kien sema li l-Unifoods se taghlaq kien cempel lill-imputat li kien innega tali informazzjoni.

Xehed David Azzopardi Financial Controller tal-kumpanija Vernon Foods Ltd. Dan ukoll esebixxa zewg cheques Dok DA u Dok DA1 ghal ammont ta' Lm 972.50 u Lm 447.85 rispettivament. Dawn iz-zewg cheques it-tnejn gew referred to drawer u t-tnejn huma cheques mahruga mill-Unifoods Ltd. In kontroezami qal li huma kienu accettaw li jithallsu tat-tieni konsenja ta' merkanzija b'cheque, ghaliex f'dak l-istadju, ma kinux konsapevoli li l-ewwel cheque kien ibbounsja.

Marvin Spiteri xehed li kienu bieghu u minn cheques esebiti jidher li dan ix-xhud qed jixhed in rapprezentanza ta' Alf Mizzi & Sons merkanzija lil Jesmond Decelis l-imputat kien in saldu tal-prezz tahom tliet cheques

Dok MS, MS1 li t-tnejn gew referred to drawer. Qal dan ix-xhud li sal-llum, cioe sad-data li kien qed jixhed, is-somma dovuta dik ta' Lm 2505.72 kienet ghadha ma thallsitx.

Xehed ukoll George Grixti salesman ma' France Busuttil & Sons. Dan ghamel referenza ghal zewg cheques Dok AB u Dok AB1 li thallsu minn Jesmond Decelis lis-socjeta' msemmija, liema cheques it-tnejn gew referred to drawer. Dan ix-xhud qal li hu kien jaghraf il-firma ta' Decelis u li l-imputat kien mela l-istess cheque quddiemu.

Xhud iehor tal-Prosekuzzjoni huwa Charles Massa, Head Manager, Bank of Valletta San Pawl il-Bahar. Dwar bank il-facility li kellu a favur tieghu l-imputat qal li dan kellu overdraft ta' Lm 10,000 u li c-cheque JC sa JC 12 (ghax dawk biss gie muri) ma kienux gew onorati minhabba li Decelis kien qabez il-limit.

L-imputat Jesmond Decelis xehed minn jeddu (a fol 144-150) kif ukoll irrilaxxa stqarrija a tempo vergine fi stadju tal-investigazzjoni. Huwa fix-xhieda tighu ta spjegazzjoni ta' kif huwa kien kostrett jaqa' lura fil-pagamenti minhabba cheques mhux imsarrfa intestati lilu bhala wholesaler. Spjega kif kien gie frodat eluf ta' flus minn certa Martin Cilia fuq bejgh ta' garaxx kif ukoll problema li kellu fis-sistema ta' computers li ma kinitx qed tippermettilu li jistabilixxi l-mark up ta' qligh lilu dovut. Min-naha l-ohra fl-istqarrija tieghu gharaf ic-cheques mahruga lid-ditta Agostino & Sons Ltd. U lil Vincent Cuschieri Ltd. Tkellem ukoll dwar sekwestru li sarlu fuq il-kont in kwistjoni, liema sekwestru fi kliemu kien sar "fit-28 ta' Frar, li ghadda" (a fol 19). Jigi rilevat f'dan l-istadju li din l-istqarrija saret fit-18 ta' Marzu, 1998. Gharaf ukoll iz-zewg cheques mahruga lil Agostino Azzopardi Ltd. (a fol

25 u 26 tal-process). Gharaf fuq ic-cheques hawn imsemmija il-firma tieghu.

Ikkonsidrat

Illi mill-atti tal-kawza jidher li jonqos bhala prova l-ispecimen signature li l-imputat ikun ta lill-bank ma ftuh ta' kont. Kif gia gie premess huwa ammetta li ffirma c-cheques imsemmija fl-istqarrija. Hemm xhieda ukoll ta' George Grixti salesman ma' France Busuttil & Sons dwar min iffima c-cheques AB u Dok AB1 cioe l-imputat Jesmond Decelis.

Issa Jesmond Decelis tkellem fuq sekwestru li hareg fi Frar, 1998. Ma ngabet ebda prova ohra in support jew kontrarja ghal dan, sal-grad tal-probabbli. Ic-cheques hawn imsemmija dawk li gew referred to drawer JC1 datat 6.09.97, Dok JC4 datat 23.09.97, Dok JC5 datat 29.11.97, Dok JC6 datat 16.09.97, Dok JC7 datat 8.10.97, Dok AB datat 15.04.97, Dok AB1 datat 12.04.97, Dok JT datat 30.01.98 u Dok JT1 datat 28.02.98 apparti ghall-ahhar dokument kollu jipprecedu d-data tas-sekwestru, ghaldaqstant meta nhargu dawn ic-cheques is-sekwestru ma kinx ghadu in vigore u ma seta qatt jaffettwa lill-kont relattiv, ghalhekk gew referred to drawer almenu d-dokumenti mmarkati bl-ittra JC, skond kif xehed Charles Massa ghax l-overdraft kien overdrawn.

Jirrizulta mill-ispjegazzjoni li ta Decelis fix-xhieda tieghu li hu kien jaf bil-problema finanzjarja li kellu, cioe nuqqas ta' "liquidity" b'cheques li ma jissarfux, dan ex admissis.

Ikkonsidrat

Illi Jesmond Decelis gie akkuzat illi huwa kkommetta reati bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9.

L-artiklu 308 jikkontempla r-reat ta' truffa nominata li biex jissussisti jinhtieg l-element ta' qerq jew ingann hekk prezentat lill-vittma b'dik il-forma msejha teatrali tal-mise en scene li twassal lill-vittma f'dik is-sitwazzjoni li jaqa ghal dak l-ingann bi qligh ghall-agent.

Issa ghalkemm mhux kull cheque li ma jissarrafx iwassal ghar-reat ta' truffa nominata, pero' hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-imputat kien ben konsapevoli mil-fatt li hu kellu problemi finanzjarji u xorta hareg cheques li ma setghux jissarfu u bihom akkwista merkanzija minghand diversi azjendi. Ta' dan l-imputat huwa kriminalment responsabbli. Mhux responsabbli tac-cheques li pero' nhargu u mhux imsarrfa meta l-istess azjendi ghazlu li jkompuli jfornuh nonostante li cheques moghtija lilhom kienu gia bbounsjaw, hawn fil-fehma tal-Qorti jonqos l-element ta' l-ingann li trid il-ligi taht l-artiklu 308 tal-Kap 9. Dan gara per ezempju fil-kaz ta' l-azjenda Vincent Cuschieri Ltd.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat hati fil-konfront tac-cheques mahruga lis-socjetajiet Agostino & Sons Ltd., Vincent Cuschieri Ltd. u France Busuttil Ltd. Tqis li ma tistax issib htija fil-konfront ta' cheques mahruga lis-socjetajiet l-ohrajn. Kif jirrizulta mill-process in kwantu ma giex pruvat min iffirma l-istess.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali tieghu, taghti l-beneficcju lill-imputat li vera seta' gie ngannat minn terzi li qeghduh fis-sitwazzjoni finanzjarja imwiera, pero' ma tistax ma tikkonsidrax il-gravita' ta' l-imsemmija reati,

rat l-Art 28A u qed tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.